**MALTA**

**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**
**MAĠISTRAT DR. GABRIELLA VELLA B.A., LL.D.**

**Każ Nru. 361/2025**

**Ir-Repbbulika ta' Malta**

**Vs**

**Zakaria Abidat**

**Illum 29 ta' April 2025**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront ta' **Zakaria Abidat** ta' sitta u tletin (36) sena, imwieled fil-15 ta' Jannar 1989 ġewwa l-Alġerija, preżentement residenti ġewwa l-Faċilità Korrettiva ta' Kordin, Raħal Ġdid, Malta, u detentur tad-dokument number 17MH-122 Ref/Com 21005/16, talli nhar 21 ta' Marzu 2025 fis-siegħat ta' bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-Faċilità Korretiva ta' Kordin, Raħal Ġdid, Malta, u/jew f'bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioè kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Galea, skond kif iċċertifikat minn Dott. F. Abela MO CSA, liema reat sar minn persuna waqt li kien priġunier;

2. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb għal Ivan Galea sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali;

3. U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid lil Ivan Galea imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni;

4. Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kemm-il darba jinsab ħati jirrendi ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta

u dana b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu;

Rat it-talbiet tal-Prosekuzzjoni sabiex il-Qorti: (1) toħroġ Ordni ta' Protezzjoni ai termini ta' l-Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta waqt il-mori tal-kawża u f'każ ta' ħtija ai termini ta' l-Artikoli 383, 384 u 385 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, favur Ivan Galea; (2) f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skond il-Liġi tordna lil Zakarija Abidat iħallas l-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti skond l-Artikolu 533(1) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu, liema ammissjoni ġiet ikkonfermata minnu waqt is-seduta tad-29 ta' April 2025 wara li l-Qorti spjegatlu b'mod ċar l-implikazzjonijiet legali ta' tali ammissjoni u tatu biżżejjed żmien biex jirrikonsidra l-posizzjoni tiegħu u jerġa' lura minnha;

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni markati Dok. "A" sa' Dok. "H";

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-Prosekuzzjoni u tad-Difiża dwar il-piena, minn liema rriżulta li l-Prosekuzzjoni qed tibbaża l-ewwel imputazzjoni dedotta fil-konfront ta' l-imputat a bażi ta' l-Artikolu 216 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

**Ikkunsidrat:**

L-imputat qed jiġi mixli talli nhar 21 ta' Marzu 2025 fis-siegħat ta' bejn l-erbgħa ta' waranofsinhar (16:00hrs) u s-sitta ta' filgħaxija (18:00hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' qabel ġewwa l-Faċilità Korretiva ta' Kordin, Raħal Ġdid, Malta, u/jew f'bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer: (1) Mingħajr il-ħsieb li joqtol jew li jqiegħed il-ħajja ta' ħaddieħor f'periklu ċar, ikkaġuna ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' persuna oħra u cioè kkaġuna ferita ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Ivan Galea, skond kif iċċertifikat minn Dott. F. Abela MO CSA, liema reat sar minn persuna waqt li kien priġunier; (2) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, ħebb għal Ivan Galea sabiex jinġurjah, idejqu jew jagħmillu ħsara, kemm-il darba l-fatt ma jkunx jaqa' taħt xi dispożizzjoni oħra tal-Kodiċi Kriminali; (3) U aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi għamel inġurji jew theddid lil Ivan Galea imsemmijin band' oħra fil-Kodiċi Kriminali, jew jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mil-limiti tal-provokazzjoni; (4) Talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, kemm-il darba jinsab ħati jirrendi ruħu reċediv ai termini ta' l-Artikolu 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u dana b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

L-imputat wieġeb li huwa ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu. Fid-dawl ta' tali ammissjoni l-Qorti għandha ssibu ħati ta' l-imputazzjonijiet kollha hekk dedotti kontrih.

Għall-finijiet ta' piena l-Qorti ħadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati dedotti fil-konfront ta' l-imputat u minnu ammessi, iżda ħadet in konsiderazzjoni wkoll il-fatt

li l-imputat irreġistra ammissjoni fi stadju bikri tal-proċeduri u li t-tieni u t-tielet imputazzjoni dedotti fil-konfront ta' l-imputat huma assorbiti fl-ewwel imputazzjoni dedotta kontrih.

Għaldaqstant wara li rat u kkunsidrat l-Artikoli 31, 33A(1)(2), 49, 50, 214, 215, 216(1)(b) u 339(1)(d)(e) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed issib lill-imputat ħati, fuq ammissjoni tiegħu stess, ta' l-imputazzjonijiet kollha dedotti fil-konfront tiegħu u tikkundannah għall-perijodu ta' tlettax-il (13) xahar priġunerija effettiva.

Ai termini ta' l-Artikolu 382A tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti qed toħroġ fil-konfront ta' l-imputat Ordni ta' Trażżin għall-fini li tipprovdi għas-sigurtà ta' Ivan Galea. Dan l-Ordni ta' Trażżin qed jinħareġ għal perijodu ta' sentejn (2) dekoribbli mid-data ta' din is-sentenza u taħt it-termini u kondizzjonijiet indikati f'Digriet mogħti llum stess, liema Digriet qed jiġi anness ma' din is-sentenza u jifforma parti integrali minnha.

A tenur ta' l-Artikolu 382A(3) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti spjegat lill-imputat bi kliem ċar il-kondizzjonijiet imposti fuqu bl-Ordni ta' Trażżin maħruġ fil-konfront tiegħu kif ukoll ir-responsabilità tiegħu f'każ li jikser xi waħda jew iktar mill-kondizzjonijiet ta' tali Ordni ta' Trażżin, u cioè f'tali eventwalità jista' jiġi ikkundannat għal multa ta' sebat elef Euro (€7,000) jew għal priġunerija ta' mhux iżjed minn sentejn jew għal tali multa u priġunerija flimkien.

Peress illi f'dawn il-proċeduri ma ġewx nominati Esperti, il-Qorti tastjeni milli tieħu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni ai termini ta' l-Artikolu 533 tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Ai termini ta' l-Artikolu 392A(2) tal-Kap.9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li fi żmien sitt (6) ijiem tax-xogħol l-Avukat Ġenerali jingħata aċċess għal kopja skenjata ta' l-atti, flimkien ma' aċċess għal kopja skenjata ta' din is-sentenza kif ukoll tad-Digriet ta' Ordni ta' Trażżin.

**MAĠISTRAT**

**DEPUTAT REĠISTRATUR**